**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 426/2025**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Louis Mallia**

**Illum 22 ta' Mejju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Louis Mallia** ta' sitta u ħamsin (56) sena, iben Louis u Alfrida neè Urry, imwieled il-Pietà nhar il-21 ta' Lulju 1968, residenti ġewwa Unit 1, Block F, Flat 1, Triq Guzè D'Amato, Raħal Ġdid, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0319068M, talli nhar is-26 ta' April 2025, bejn is-sebgħa ta' filgħaxija (19:00hrs) u d-disgħa ta' filgħaxija (21:00hrs), ġewwa 10, Triq San Mikiel, l-Isla, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-lok u bil-ħin u liema reat ġie mwettaq fuq Raymond D'Agostino, anzjan li dakinhar tar-reat kellu ħamsa u sittin (65) sena;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bil-ħsieb li, mingħajr ma joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jkkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Raymond D'Agostino u/jew ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Raymond D'Agostino, fejn wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, u dan permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiżi ta' natura ħafifa salv kumplikazzjonijiet, fuq il-persuna ta' Raymond D'Agostino hekk kif iċċertifikat minn Dr. Russell Bonnici, M.D. Reg. 4689;
4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi hedded lil Raymond D'Agostino bil-fomm, liema theddid kien akkompanjat b'ordni jew kondizzjoni;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi rrenda ruħu bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'

Malta, wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (1) tipprovdi għas-sigurtà ta' Raymond D'Agostino u/jew xi persuna/i oħra, billi toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra Louis Mallia skond l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża ai termini ta' l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) kemm-il darba ssib ħtija f'Louis Mallia għar-reati relattivi, tħaddem id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tħaddem id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-Liġi li jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni lill-vittma; (3) f'każ ta' ħtija, tordna l-konfiska ta' l-istrument/i li servew jew li kienu maħsuba li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksub mid-delitt, u dan ai termini ta' l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "F";

Rat li l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti spjegatlu l-implikazzjonijiet legali ta' tali ammisjsoni u tatu biżżejjed żmien sabiex jirrikonsidra il-posizzjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar is-26 ta' April 2025, bejn is-sebgħa ta' filgħaxija (19:00hrs) u d-disgħa ta' filgħaxija (21:00hrs), ġewwa 10, Triq San Mikiel, l-Isla, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer: (1) Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-lok u bil-ħin u liema reat ġie mwettaq fuq Raymond D'Agostino, anzjan li dakinhar tar-reat kellu ħamsa u sittin (65) sena; (2) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bil-ħsieb li, mingħajr ma joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Raymond D'Agostino u/jew ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Raymond D'Agostino, fejn wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, u dan permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu; (3) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiżi ta' natura ħafifa salv kumplikazzjonijiet, fuq il-persuna ta' Raymond D'Agostino hekk kif iċċertifikat minn Dr. Russell Bonnici, M.D. Reg. 4689; (4) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi hedded lil Raymond D'Agostino bil-fomm, liema theddid kien akkompanjat b'ordni jew kondizzjoni; (5) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi rrenda ruħu bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

L-imputat iddikjara li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni, l-imputat għandu jinstab ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha hekk dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati addebitati lill-imputat u minnu ammessi, inkluż il-fatt li r-reati twettqu fuq persuna anzjana ta' 65 sena, kif ukoll li l-imputat għandu fedina penali refrattarja, iżda ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 41(1)(a), 49, 50, 202(e), 214, 215, 216, 217, 221(1)(2), 222A, 249(1)(2), 261(a)(b)(e)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 269(g), 270, 274(ċ), 276A, 277(b) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' seba' (7) snin priġunerija effettiva.

Mit-terminu ta' seba' (7) snin priġunerija hawn impost fuq l-imputat, għandu jitnaqqas dak iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Raymond D'Agostino. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data meta l-imputat jiskonta l-piena ta' seba' (7) snin priġunerija hawn imposta fuqu, u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikoli 15A, 23, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza kif ukoll tad-Digriet ta' Ordni ta' Trażżin.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**